Minuti tar-4 laqgha tas-sitt Kunsill Lokali Gharb li saret nhar il-Erbgha 23 ta' Settembru, 2009. Il-laqgha nbdiet hin 4.15pm.

| **Prezenti:** | **Membri:** |
|---|---|
| Sindku | David Apap |
| Vici-Sindku | Raymond Cassar |
| Kunsillier | Lisa Marie Brooke |
| | Emanuel Muscat |
| | Carmen Vella |

| **Ufficjali:** | |
|---|---|
| Segretarju Ezekuttiv | Joanne Attard |

**1. Approvazzjoni tal-Minuti tat-2 laqgha.**

1.1 Il-Minuti tat-tielet laqgha gew approvati unanimament u iffirmati mis-Sindku u Segretarju Ezekuttiv bhala dokument korrett.

1.2 Carmen Vella qalet illi l-attivita' ta' Jum l-Gharb kienet success. Issuggeriet illi sabiex ikun jista' jsir catering ghall-gruppi bhal tal-gemellagg jinhtieg li jkun hemm titjib fil-facilitajiet tal-Kunsill. Is-Sindku spjega illi dan it-titjib huwa mahsub u jkun jista' jsir kemm il darba il-Kunsill iniedi il-progett ta' Centru Civiku. Gie spjegat illi ghad fadal il-problema mal-Maltapost fir-rigward tal-premises li huma jokkupaw u li l-Kunsill qed jistenna struzzjonijiet mid-Dipartiment tal-Artijiet f'dan ir-rigward.

1.3 Carmen Vella staqsiet dwar l-applikazzjoni tal-mushroom farm. Is-Sindku spjega illi l-applikazzjoni tinsab ghand il-case officer biex isir ir-rapport u li din ma tistax tkun deciza qabel ma jsir dan ir-rapport. Gie spjegat ukoll illi kellha issir laqgha mal-MEPA izda din giet posposta.

1.4 Raymond Cassar b'referenza ghas-suggett tal-mushroom farm u l-vot li ittiehed fil-Kunsill fil-laqgha precedenti staqsa jekk huwa setax jiehu sehem fil-votazzjoni peress illi parti mir-raba ta' Dbiegi ghadu jghajjat lil missieru. Peress li kien hemm zewg membri ohra li ma kinux qed jiehdu sehem fil-votazzjoni minhabba interess gie deciz li ghandha ssir konsultazzjoni mad-Dipartiment tal-Gvern Lokali dwar kif ghandu jipprocedi il-Kunsill f'dan il-kaz.

1.5 Is-Sindku spjega illi il-Kunsill ircieva konferma bil-miktub mill-Water Services Corporation u mill-Ministeru ghal Ghawdex li dawn ser jghaddu lill-Kunsill l-ammonti ta' €42,959.40 u €75,500 rispettivament sabiex ikun jista' jinghata wicc gdid fi Triq il-Knisja u Pjazza Zjara tal-Madonna. Gie spjegat illi l-WSC ser jaghmlu ix-xoghol sal-fazi li jaghlqu it-trinka bil-lean mix u l-Kunsill ser ikun responsabbli li jkompli x-xogholijiet bil-fondi allokati. Gie spjegat illi bil-fondi allokati il-Kunsill ser ikun jista' jaghti l-ewwel kisja tarmak. Gie spjegat ukoll illi x-xogholijiet tal-WSC ser ikunu maqsuma f'fazijiet b'total ta' 26 gimgha u li qed jithejja pjan ta' traffic management li dan ser ikun approvat mill-ADT. Il-kuntrattur tal-WSC ser ikun responsabbli li jaghmel is-sinjali tat-traffiku. Gie spjegat illi l-Kunsill talab li jinghata notifika ta' hmistax biex ikun jista' javza lir-residenti bix-xogholijiet u bit-tibdil fit-traffic management.

1.6 Raymond Cassar staqsa jekk il-water mains hux ser jinbidlu. Is-Sindku spjega illi filwaqt li l-Kunsill m'ghandux fondi biex jiffinanzja il-bdil tal-mejnijiet tal-ilma, saret talba sabiex il-mains isiru fuq kull genb tat-triq. Il-Kunsill iddiskuta l-aspett tekniku tax-xoghol tar-resurfacing fi Triq il-Knisja b'mod partikolari iz-zona fi Triq il-Knisja k/m Triq il-Vizitazzjoni. Is-Sindku spjega illi l-PPCD iridu jkunu certi li l-progett tar-rising main mhuwiex ser ifixkel dak ta' Wied il-Mielah. Is-Sindku spjega illi l-Kunsill talab li jinghata il-programm tax-xoghol bil-miktub sabiex jintbaghat lill-PPCD ghall-approvazzjoni taghhom sabiex il-Kunsill ikun jista' johrog il-permess tat-trenching lill-kuntrattur.

**2. Seher il-Punent 2010.**

2.1 Gie spjegat illi giet sottomessa applikazzjoni ghall-finanzjament ta' attivitajiet kulturali 2010 imnedija mis-Segretarjat Parlamentari Informazzjoni u Konsultazzjoni Pubblika ghal Seher il-Punent 2010. Gie spjegat ukoll illi ser tigi sottomessa applikazzjoni ghall-fondi tat-town twinning biex tigi mistiedna delegazzjoni mil-lokalita' ta' Quadrelle ghal Seher il-Punent 2010. Il-Kunsill qabel unanimament.

2.2 Is-Sindku ippropona illi l-Kunsill ghandu jkun innovattiv u kreattiv sabiex l-edizzjoni li jmiss ta' Seher il-Punent tinghata xghira differenti peress illi qed isiru hafna attivitajiet simili. Is-Sindku stieden lill-membri sabiex jissuggerixxu affarijiet li jistghu isiru. Saru diversi suggerimenti fosthom:
Attivitajiet/wirja/kompetizzjoni relatati mal-produzzjoni tal-gbejnijiet lokali
Festival tal-korijiet u/jew Festival ta' kant b'kitba u muzika originali relatati ma Seher il-Punent
Proposta illi l-pjazza kollha titghatta b'tinda
Wirja ta' bandalori fejn kull lokalita' tigi mistiedna tesebixxi 2 bandalori
Re-enactments ta' leggendi marbuta mal-Gharb fosthom ta' Sgugina u San Dimitri u l-possibilita' illi l-Isqof Emeritus Nikol Cauchi jigi mitlub jikteb il-kliem.

Wirja ta' annimali bil-possibilita' li din tinzamm f'razzett tipiku.
Kompetizzjoni ta' fotografija bl-involviment ta' Malta Photographic Society
Attivitajiet fi Pjazza San Pietru relatati mal-loghba tradizzjonali tal-brilli
Transport organizzat b'mezzi tradizzjonali mill-Pjazza principali ghal Pjazza Santu Pietru
Show tal-muturi – il-Kunsill qabel li ghandu jibqa ghaddej b'din il-proposta u Raymond Cassar ser ikun qed jikkoordina din l-attivita' filwaqt li jzomm lis-Sindku u l-Kunsill infurmati. L-attivita' mhux ser tinvolvi lill-Kunsill fi spejjez, il-Kunsill ikun irid jipprovdi xi snacks lil dawk prezenti.
Preparazzjoni ta' ikel tipiku bil-possibilita' ta' kompetizzjoni ta' preparazzjoni ta' ikel.
Possibilita' li shelter fil-pjazza jinfetah ghall-pubbliku. Hawnhekk il-Kunsill iddiskuta il-possibilita li ssir talba biex dan ikun devolut lill-Kunsill.

2.3 Wara li tressqu s-suggeriment, il-Kunsill filwaqt li qabel li l-attivita' ghandha tkun immirata ghall-familja kollha, qabel li ghandu jkompli jiddiskuti u jevolvi aktar ideat waqt laqgha ohra u li ghandha issir laqgha mal-ghaqdiet lokali.

2.4 Il-Kunsill iddiskuta il-kont relatat mal-banda tal-festa 2009. Is-Sindku spjega illi bl-emendi tal-ligi il-ligi ma tippermettix li Kunsill jaghti ghajnuniet lil ghaqdiet lokali .

### 3. Premju Lokalitajiet Indaf.

3.1 Il-Kunsill gie infurmat dwar l-inizjattiva Premju Lokalitajiet Indaf imnedija mill-Gvern permezz ta' cirkulari Memo 47/2009. Gie spjegat illi kull Kunsill gie mitlub juri l-interess tieghu sal-10 ta' Awissu u li l-Kunsill ikkonferma li ser ikun qed jiehu sehem.

3.2 Bhala parti minn dik l-inizjattiva il-Kunsill qabel illi bl-involviment tal-ghaqdiet lokali ghandu jorganizza attivita' ta' tindif gewwa l-lokalita'. Il-Kunsill qabel illi z-zona indirizzata ghandha tkun il-Wied ta' Jodros qrib il-belveder li sar mill-Kunsill. Ghalhekk gie deciz li ghandha tintbaghat ittra stedina lill-ghaqdiet. Possibilment l-attivita' ghandha ssir fix-xahar ta' Ottubru.

3.3 Is-Sindku ippropona illi l-Kunsill ghandu jniedi kampanja ta' gbir ta' pipijiet tad-drip minghand il-bdiewa. Ghandu jinhareg avviz f'dan ir-rigward.

3.4 Lisa Brooke gibdet l-attenzjoni tal-Kunsill dwar ilment ta' Lisa Masini illi il-boroz tal-iskart separat qed jingabru mill-kennies u jintefghu fl-iskips fi Triq San Pietru. Is-Segretarju Ezekuttiv spjegat illi l-istess persuna kienet ilmentat precedentement u ingibdet l-attenzjoni tal-foreman inkarigat mill-kenniesa.

3.5 Saret diskussjoni dwar il-bins on wheels fi Triq San Pietru u dwar il-htiega illi dawn ikunu monitorjati permezz ta' cameras minhabba rimi abbuziv. F'dan ir-rigward is-Sindku spjega illi hemm problema peress li l-kiri tal-metres tal-Enemalta huma gholjin hafna.

3.6 Il-Kunsill iddiskuta dwar is-servizz u l-kuntratt tal-gbir tal-iskart domestiku u filwaqt li gie spjegat illi l-Kunsilli kienu nghataw struzzjonijiet biex il-kuntratt ma jinharigx ghalissa is-Sindku ppropona illi l-Kunsill ghandu javvicina lill-lokalitajiet ta' San Lawrenz u Ghasri biex tohrog offerta wahda ghat-3 lokalitajiet. Il-Kunsill qabel unanimament.

**4. Kiri tal-ground tal-futbol.**

4.1 Is-Sindku spjega illi l-kuntrattur Road Construction Ltd. heles ix-xoghol fuq l-oghti tar-ramel lill-wicc tal-ground u l-fencing. Is-Sindku spjega illi l-Kunsill ghandu 'bye-law' illi permezz taghha jista' jikri propjeta' tal-Kunsill. Is-Sindku ippropona illi issa illi sar investiment kongunt mill-Gvern Centrali u mill-Kunsill Lokali sabiex gie irrangat il-ground ghandu jkun hemm kontroll sabiex il-ground ma ssirlux hsara kif ukoll ghandu jibda jkun hemm hlas ghall-uzu tieghu minn timijiet barranin. Il-Kunsill qabel unanimament dwar dan u gie deciz li ghandha ssir ittra lil timijiet tal-futbol f'dan ir-rigward. Il-Kunsill qabel illi it-tim tal-futbol fil-lokalita' ghandu jkun ezentat minn dan il-hlas.

4.2 Il-Kunsill qabel illi sabiex il-ground ma ssirlux hsara dan m'ghandux jithalla miftuh izda ghandha issir hadida b'tali mod illi persuni biss ikunu jistghu jidhlu fih u ma jkunux jistghu jidhlu vetturi u roti.

4.3 Il-Kunsill iddiskuta dwar il-possibilita' illi l-club tal-futbol tal-Gharb jinghata f'idejh l-amministrazzjoni tal-ground u c-changing rooms. Is-Segretarju Ezekuttiv gibdet l-attenzjoni illi sabiex isir arrangament bhal dan irid jintalab il-permess tal-Lands Department.

**5. Ftuh tal-ufficju tal-Kunsill nhar ta' Sibt.**

5.1 Gie spjegat illi bhala parti mir-riforma tal-Kunsilli Lokali, il-Kunsilli gew mitluba mill-Gvern permezz ta' Cirkulari 46/2009 sabiex jibdew jifthu l-ufficju ghall-pubbliku nhar ta' Sibt mit-8.00 sa ll.30am. Gie spjegat illi din il-possibilita' ta' xoghol giet offruta lill-iskrivana tal-Kunsill u anke lis-Segretarja Ezekuttiva li ma accettawx. Is-Sindku spjega illi fil-futur il-Kunsill ikollu bilfors jimpjega persuna ohra u jzid l-istaff in vista tal-work load li hemm. Huwa spjega illi dan mhuwiex mahsub fil-budget ta' din is-sena u ghalhekk ippropona illi fil-prezent il-Kunsill joffri s-servizz ta' nhar ta' Sibt permezz tal-ufficjal li tiehu hsieb il-librerija. Spjega wkoll illi huwa mhux ser jiehu sehem fil-votazzjoni peress li din l-ufficjal tigi minnu. Lisa Brooke ipproponiet illi tinhareg call for applications biex ma

jkunx hemm ilmenti. Is-Segretarju Ezekuttiv spjegat illi jekk il-Kunsill jiddeciedi fl-affermattiv ser jittiehed il-permess tad-Dipartiment Gvern Lokali biex jinghata is-servizz tas-Sibt kif deciz mill-Kunsill.

5.2 Il-Kunsill qabel b'4 voti favur u astensjoni illi s-servizz tas-Sibt ghandu jinghata permezz tal-ufficjal li topera il-librerija lokali li min naha taghha ser tintalab jekk taccettax din il-proposta.

## 6. Progett ta' Wied il-Mielah

6.1 Gie spjegat illi x-xogholijiet fuq ir-resurfacing tat-triq mill-Barumbara 'l isfel dalwaqt jibdew. Raymond Cassar staqsa jekk hux ser jittiehdu kampjuni tal-materjal uzat fejn is-Sindku spjega illi dan huwa elenkat fil-kuntratt.

6.2 Gie spjegat ukoll illi ser issir talba sabiex mal-interpretation panels isiru wkoll zewg locality signs.

## 7. Approvazzjoni ta' hlasijiet.

7.1 Il-Kunsill approva unanimament il-hlas tal-kontijiet elenkati fl-iskeda ta' pagamenti annessa liema skeda giet iffirmata mill-membri kollha prezenti.

## 8. Korrispondenza u materji ohra.

Giet trattata l-korrispondenza segwenti:-

8.1 Minghand is-Sur Robert Borg fir-rigward ta' talba ghall-bankina quddiem id-dar tieghu fi Sqaq il-Fgura. Din it-talba qed issir ghal dik il-parti quddiem l-entratura tad-dar tieghu u mhux quddiem il-front garden tieghu fejn hemm PC application pendenti quddiem il-MEPA. Wara diskussjoni il-Kunsill qabel b'4 voti favur u Raymond Cassar li astjena li l-Kunsill m'ghandux isib oggezzjoni li ssir din il-bankina sakemm ma tintmessx il-parti fejn hemm il-kwistjoni mal-MEPA u ghal dan il-ghan ix-xoghol ghandu jkun ikkontrollat u irregolat mill-ADT jew Dipartiment tax-xogholijiet pubblici. Il-Kunsill qabel illi l-materjal tal-bankina ghandu jkun ma jizloqx sabiex ma ikunx ta' periklu.

8.2 Mill-Cleaner Technology Centre fir-rigward tal-Premju 'Environment Award for Industry'.

8.3 Mill-German-Maltese Circle fir-rigward tal-Prospectus of Language Courses.

8.4 Minghand Insulations Malta informazzjoni dwar prodotti ta' LED lighting.

8.5 Minghand SLIP STOP fir-rigward ta' informazzjoni dwar trattamenti anti-slip.

8.6 Minghand Ernst & Young fir-rigward ta' 'Malta Attractiveness Survey 2009'.

8.7 Minghand Solid Base Laboratory Ltd fir-rigward ta'servizzi ta' testing li joffru.

8.8 Minghand Casapinta Design Group Ltd fir-rigward ta' servizzi li joffru in konnessjoni ma' attivitajiet kulturali organizzati mill-Kunsill.

8.9 Minghand Carmelo Sciberras fir-rigward ta' servizzi ta' PA System.

8.10 Mill-Ministeru ghall-Politika Socjali fir-rigward ta' kotba ta' informazzjoni dwar il-ligi tal-kera li ser tidhol fis-sehh mill-1 ta' Jannar 2010.

8.11 Minghand B. Grima & Sons Ltd fir-rigward ta' tabelli ghat-toroq u prezzijiet taghhom. Il-Kunsill qabel illi t-tabelli u barriers tal-Kunsill li jintuzaw fit-toroq meta jsiru xogholijiet ecc. huma fi stat hazin u ghandhom jinxtraw tabelli godda. Il-Kunsill qabel ukoll illi hekk kif tkun qed issir Triq il-Knisja ghandhom isiru tabelli godda li jindikaw in-negozji tal-inhawi.

8.12 Il-Kunsill gie infurmat dwar l-applikazzjonijiet li gew sottomessi taht l-iskemi imnedija mill-Gvern permezz ta' cirkulari 28/2009 il-'Green Challenge Award' u 'Local Council Enterprise Support Award'. Taht l-ewwel award saret applikazzjoni fir-rigward tal-inizjattiva tal-Kunsill ta' rijabilitazzjoni ta' Wied il-Mielah filwaqt li taht it-tieni skema saru applikazzjonijiet fir-rigward tal-inizjattivi tal-Kunsill Seher il-Punent u ghajnuna lill-villagg Ta' Dbiegi u l-promozzjoni tieghu bhala destinazzjoni turistika.

8.13 Mid-Dipartiment ghall-Gvern Lokali:
Memo 48/2009 – Fondi Specjali. Gie spjegat illi saret talba ghall-fondi specjali ghall-playing field fi Triq Tumas Cassar. Il-Kunsill qabel unanimament.
Memo 51/2009 – Procedura ghall-Elezzjonijiet ghall-Kumitat Ezekuttiv tal-Assocjazzjoni tal-Kunsilli Lokali. Il-membri gew infurmati bl-elezzjoni li ser tinzamm fl-10 ta' Ottubru.
Memo 42/2009 – Skema dwar Inizjattivi ta' attivitajiet 2010 – gie spjegat qabel li saret applikazzjoni ghal Seher il-Punent 2010.

8.14Mis-Segretarja tal-Bord ta' Evalwazzjoni – Skema – Fondi Specjali ghal-lokalitajiet bi bzonnijiet specjali fejn il-Kunsill gie infurmat li l-applikazzjoni ma gietx maghzula peress li dawn il-fondi kienu immirati ghal lokalitajiet turistici. Gie spjegat illi regghet saret applikazzjoni ohra taht Memo 48/2009 kif gie spjegat qabel.

8.15Il-Kunsill gie infurmat li gew ippublikati l-offerti tat-Tindif u Manutenzjoni tal-latrini pubblici Ta' Pinu u ta' Triq Trux, Servizz ta' Open Skip u Provvista ta' oggetti ta' hardware u li dawn jaghlqu fl-20 ta' Ottubru, fl-10.00am. Is-Segretarju

Ezekuttiv spjegat illi ghal ftuh tal-offerti jinhtieg li jkunu prezenti tal-inqas is-Sindku u Kunsillier u talbet lill-Kunsillieri jiehdu nota ta' din id-data.

8.16 Minghand Saviour Tabone fir-rigward ta' Dun Salv Portelli fejn issuggerixxa lill-Kunsill li tehel irhama mad-dar fejn twieled u Sqaq il-Fgura jigi imsemmi Trejqet Dun Salv Portelli.

8.17 Minghand Emanuel Sciberras fir-rigward tal-hinijiet tat-trasport tal-iskejjel Sekondarji fir-Rabat – Ghawdex.

8.18 Minghand Angelo Bartolo fir-rigward tal-Pozizzjoni tal-partit ta' l-AD fir-rigward ta' l-impjant tal-faqqiegh f'Ta' Dbiegi u fejn dawn talbu lill-Kunsil jinfurmahom b'xi stqarrija tal-PN jew tal-PL. Il-Kunsill qabel illi stqarrijiet ta' partiti politici huma pubblici u m'ghandux ikun il-Kunsill illi jghaddi din l-informazzjoni lil xi partit politiku iehor.

8.19 Raymond Cassar ippropona illi l-Kunsill ghandu jorganizza b'kollaborazzjoni mal-iskola primarja hargiet edukattivi gewwa Malta ghal studenti tal-Year 5. Il-Kunsill qabel unanimament peress li dawn jistghu jghinu lill-istudenti fi studji taghhom relatati mal-istorja u l-kultura ta' pajjizna. Manuel Muscat qal illi Malta hemm diversi zoos bl-annimali li huma ta' interess ghat-tfal.

8.20 Minghand Wise Owl Publications fejn il-Kunsill gie moghti voucher ta' €100 li jista' jissarraf f'kotba godda ghal-librerija ma xirja ta' minimu ta' €200. Il-Kunsill qabel li ghandhom jinxtraw dawn il-kotba godda u jibbenefika minn din l-offerta. Peress li fl-ixkaffar tal-librerija m'hemmx spazju ghal kotba godda gie deciz illi dawn il-kotba li huma qodma jew *outdated* ghandhom jingabru f'kaxxi sabiex minflokhom jitpoggew il-kotba 'il godda.

8.21 Minghand Midsea Books fejn il-Kunsill gie moghti voucher ta' €100 li jissarraf f'kotba ghal-librerija. Dan il-voucher gie ipprezentat waqt prezentazzjoni mis-Segretarju Parlamentari Dr Chris Said li saret fil-Kunsill Lokali Ghasri fejn inghata wkoll cheque ta' €466 bhala fondi ta' ghajnuna ghal-librerija.

8.22 Mis-Segretarjat Parlamentari ghall-Konsultazzjoni Pubblika u Informazzjoni zewg kopji tal-pubblikazzjoni 'Il-Princep tal-Martri' ta' Dun Guzepp Gauci. Il-Kunsill qabel li ghandu jibghat ittra ta' ringrazzjament lil Dun Gauci.

8.23 Mis-Segretarja tal-Bord ta' Evalwazzjoni Skema Energy Saving fejn il-Kunsill gie infurmat li l-ghajnuna finanzjarja allokata ghall-progett tal-Kunsill ser tkun ta' €6800 minflok kif kien imhabbar precedentament l-ammont ta' €2900.

**Pagna 8 Minuti tar-4 laqgha**

8.24 Gew trattati suggerimenti minghand is-Sur Michael Calleja fejn talab li fejn il-Knisja ta' Pinu issir bus shelter u bank zghir. Is-Sur Calleja ssugerixxa ukoll lill-Kunsill sabiex jara isibx xi studenti ta' l-irham biex jidhlu ghat-tiswija ta' l-istatwi ta' l-istazzjonijiet li jinsabu fuq t'Ghammar. Il-Kunsill qabel illi filwaqt li fil-prezent qed jiehu hsieb jigbor l-iskart u jbattal il-bins ta' Pinu ghandha tingibed l-attenzjoni tar-rettur biex kemm jista' jkun tinzamm l-indafa fil-pjazza ta' quddiem is-santwarju liema pjazza hija propjeta tal-Knisja ta' Pinu.

8.25 Mis-Segretarju Parlamentari l-Onor. Dr. Chris Said li talab il-koperazzjoni tal-Kunsilli ma' kumpaniji tal-Gbid ta' Films.

8.26 Giet trattata s-segwenti korrispondenza minghand il-MEPA:
Applikazzjonijiet godda ghal permess ta' zvilupp PA5211/08, PA5441/08, PA2625/09, PA2986/09, PA3387/09, PA2299/09, PA3021/09, PA914/07, PA3420/09 u PA3448/09.
Mill-MEPA lis-Supretendent tal-pulizija fir-rigward ta' ilmenti tal-pubbliku dwar xogholijiet f'Ta' Pinu View, Sqaq il-Fgura.
Statement of Funds fejn il-Kunsill gie infurmat li l-bilanc attwali li jista' jibbenefika minnu mill-Urban Improvement Fund huwa ta' €18,867.92.

8.27 Gie trattat suggeriment sabiex titwahhal mera ghal dawk li jkunu hergin minn Triq Frangisk Portelli biex jaraw it-traffiku li jkun gej minn Triq il-Knisja. Il-Kunsill ma qabilx ma din it-talba peress li min ikun hiereg minn Triq Frangisk Portelli irid jieqaf peress li hemm stop sign.

8.28 Raymond Cassar qal illi iccekkja fir-rigward ta' railing ghal madwar l-infiorata u li Vassallo & Xuereb m'ghandhomx railings lesti izda ghandhom dizinni li wiehed jista' jaghzel minnhom. Il-Kunsill qabel illi jistaqsi lil Ruben Camilleri Cauchi jekk huwiex lest li jaghmel dizinn li mbaghad il-Kunsill ikun jista' jinhadem f'railing.

8.29 Carmen Vella gibdet l-attenzjoni dwar il-bus stop li kien hemm fi Triq l-Gharb u li inqalghet meta saret it-triq u ma regghetx wehlet. Ghandha ssir talba lill-ADT biex din terga' tehel.

8.30 Ghandha tingibed l-attenzjoni tal-Go dwar tappiera fi Triq Frangisk Portelli li u fi Triq l-Gharb in-naha ta' Karmni Grima li jinhtiegu manutenzjoni.

8.31 Ghandha ssir reminder lid-Direttur Progetti u Zvilupp biex jinbena il-hajt fi Sqaq il-Fgura.

8.32Giet trattata offerta tal-Go dwar is-sistema tat-telefonija tal-Kunsill li tinkludi sistema ta' PABX. Il-Kunsill qabel unanimament ma din l-offerta u gie deciz li s-sistema tal-PABX ghandha tigi stallata kemm jista' jkun malajr.

8.33Manuel Muscat talab li tigi stallata mera fil-farm road maghrufa tal-Witgha. Il-Kunsill qabel unanimament.Gie deciz li ftit il-barra minn din il-mera ghandha tehel ukoll tabella dead end. Il-Kunsill qabel ukoll li ghandha tehel tabella ta' San Dimitri fil-parti id-dejqa ta' Triq Birbuba kif ukoll hdejn l-iskips fi Triq San Pietru ghandha tehel tabella li tindika Gharb/San Lawrenz.

8.34Il-Kunsill qabel li ghandhom jigu organizzati korsijiet edukattivi ghall-istagun tax-xitwa u ghalhekk ghandu jigi ppublikat avviz f'dan ir-rigward.

8.35Manuel Muscat gibed l-attenzjoni dwar problema ta' grieden fiz-zona ta' Birbuba. Gie innutat illi din il-problema qed tippersisti f'diversi zoni tal-lokalita' u ghalhekk ghandha tingibed l-attenzjoni tad-Diparitment tas-Sahha f'dan ir-rigward.

Il-laqgha spiccat hin 7.30pm.

Konfermati minn

David Apap
Sindku

Joanne Attard
Segretarju Ezekuttiv